Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 65**
**it-Tlieta 30 ta'April 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm. Wara laqgha publika

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Charles Selvaggi :  Kunsillier
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Maurice Agius :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romina Galea :  Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

65.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sinjura Romina Galea li talbet tkunu skuża għax ma' tistax tattendi.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

65.2.01 Il-minuti ta' Seduta L8-64 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

65.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-laqgħa pubblika (minuti 64.5.12) li kienet imsejħa fil-5:00 p.m. qabel is-seduta tal-kunsill li għaliha ma' kienx hemm attendenza u poġġiet ukoll fuq il-mejda kopja tar-rapport Amministrattiv Annwali għas-sena 2023 li ttieħed bħala moqri. Hawn staqsiet lil kunsilliera preżenti jekk hemmx xi affarijiet li jixtiequ kjarifika jew jitkellmu dwarhom.

Ma' kienx hemm affarijiet oħra dwar ir-rapport Amministrattiv Annwali u għalhekk għadda unanimament.

65.3.02 Is-Sindku tkellmet dwar komunikazzjoni dwar 'Transient Variations' li tirreferi għal proposti li huma konformi mal-Biennale Contemporary Art Festival li qed isir bħalissa f'Malta. Hawn spjegat il-ħsieb li huwa għal installazzjonijiet temporanji go siti speċifiċi f'erba' lokalitajiet; Hal-Lija, Birkirkara, Tas-Sliema u l-Imsida li f'dan il-każ hija il- *gazebo* go Misraħ 5 ta'Ottubru. Ix- xogħol se jkun installat manwalment mill-artist, is-Sur Patrick Mifsud li huwa artist lokali magħruf għat-tfassil mill-ġdid ta' spazji b'forom u materjali minimi, u li qatta' l-aħħar snin jitrawwem f'esperjenzi interattivi f'Londra. Huwa se jkun qed iġib dan il-kunċett f'Malta bħala r-reġjun tal-kultura għall-2024. Dati tal-proġett huma bejn id- 29 ta 'April u 3 ta' Mejju fejn l-ispejjeż kollha relatati mal-materjal meħtieġ bħal eżempju żigarella għall-istabbiliment ta' dawn l-installazzjonijiet se jkunu koperti mill-Kunsill Reġjonali. L-unika ħaġa li hi meħtieġa mil-Kunsill Lokali rispettiv hija li toħroġ l-permess flimkien ma dikjarazzjoni bil-miktub, li tingħata lill-artist sabiex juri lill-pubbliku ġenerali li dawn l-installazzjonijiet huma approvati.

65.3.03 Is-Sindku tkellmet dwar ftehim ta' kollaborazzjoni permezz ta' Xogħlijiet Pubbliċi mill-gvern għal-kunsilli lokali fejn ġie allokat fond ta' €10 miljun għal din is-sena biex jitwettqu proġetti komunitarji sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u li tiġi żgurata mobbilità faċli, b'mod partikolari għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità. Din is-sħubija għandha l-għan li tissimplifika l-proċessi tal-iżvilupp tal-infrastruttura, inklużi xogħlijiet ta' manutenzjoni u emerġenza, għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku ġenerali. Hawn kompliet tispjega li aktar il-quddiem għanda tintbagħat link għal sistema elettronika fejn il-kunsill jista' jissottometti talbiet tiegħu biex jiġu kunsidrati li jridu jinkludu deskrizzjoni professjonali u l-skop ta'talba, pjanti, x'tip ta'intervent għandu jkun hemm u l-istima għax-xogħol li jrid issir.

65.3.04 B' referenza għall-minuti 19-4-17 dwar l-impjegata tal-kunsill li ilha numru ta'snin nieqsa għax hi sekondata ma'dipartiment tal-Gvern, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-istess impjegata permezz ta'korrispondenza nfurmat li b' mod favorevoli ġiet approvata t-talba tagħha għall-estensjoni tas-servizz fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva lil hinn mill-età statutorja tal-irtirar ta' 64 sena. Madankollu, is-servizz għandu jkun kontinwu u mhux se jintemm minn Jobsplus.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew jekk wara dan iż-żmien kollu l-kunsill għadux jkompli jkun marbut b' impjegata li fil-fatt ma' għaddiex miegħu. Fejn unanimament qablu li għanda ssir komunikazzjoni mad-dipartiment għal-Gvern Lokali sabiex din il- persuna ma'tibqax tidher fil-kotba tal-kunsill u tkun impjegata dirett mal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva li approvaw it-talba tagħha għall-estensjoni tas-servizz.

65.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni mid-dipartiment tal-Affarijiet Rurali, li jopera taħt il-patroċinju tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), dwar tnedija ta'skema "Ġonna Urbana", bi'skop li tiffaċilita l-akkwist ta' siġar taż-żebbuġ jew taċ-ċitru mill-Kunsilli Lokali għat-tħawwil f'żoni pubbliċi. Din l-inizjattiva se tkun finanzjata permezz ta' Fondi Nazzjonali bil-għan prinċipali li ssaħħaħ l-estetika ta' diversi żoni urbani b'introduzzjoni ta' ħdura addizzjonali b'speċi ta' siġar msemmija. B'hekk din l-inizjattiva qed tfittex li tippromwovi s-sensibilita pubblika sabiex ikun apprezzat l-proċessi naturali involut fil-produzzjoni tal-frott, u fil-istess ħin tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-livelli tal-karbonju atmosferiku. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li kull Kunsill Lokali eliġibbli huwa intitolat li jirċievi sa rata massima ta' €10 għal kull siġra għal massimu ta' €500 f'finanzjament ta' għotjiet bir-rekwiżit li jinxtraw speċi siġar msemmija għat-tħawwil fil-Lokalità.

65.3.06 Talba f'isem Team Shajipaappan, mill-komunità Indjana biex torganizza Kompetizzjoni Internazzjonali tat-Tug of War nhar is-Sibt, 25 ta' Mejju, 2024 fi ħdan Misraħ San Guzepp. Qed jintalab ukoll permess biex jiġu installati temporanjament blokki tal-konkrit biex jimmarkaw perimetru għal qorti xierqa li tkejjel madwar 100 pied tul u 4 piedi wiesa, flimkien ma' l-approvazzjoni għall-użu ta' mikrofonu mas- sistema P.A għal matul l-avveniment, bi programm mużikali żgħir li fih artisti b'talent mill-komunità Indjana, kif ukoll permess sabiex jipprovdu ikel u xorb frisk lil dawk li se jattendu permezz ta' trakk tal-ikel. Il-komunikazzjoni itemm bl-impenn li wara l-attività jsir tindif u jħallu ż-żona kundizzjoni ta'kif ħaduha.

**65.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

65.4.01 B'referenza għal minuti 64.3.01, dwar it-trasport għal attivitajiet tat- tfal, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li bagħat nota uffiċjali ta' ringrazzjament għal għajnuna riċevuta mid-dipartiment tal-edukazzjoni.

65.4.02 B'referenza għal minuti 64.4.01, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġew ordnati żewġt tabelli biex jidderieġu lin-nies lejn il-pedestrian crossing go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex ftit metri il'bogħod mid- daħla msemmija f'Misraħ San Guzepp. Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk waslux fejn gie nfurmat li għadhom mhux lesti.

65.4.03 B'referenza għal minuti 64.4.03, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar l-obbligu tal-kunsill f'rigward li kemm suppost jrid jżid B.I.S. u jekk jistax ikun identifikat post wieħed (1) li jista' jservi sakemm dan ikun kontrollat b'CCTV.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li L-ERA qed titlob sit b'sett ta'4 Ibins għal kull 2,000 resident li fil-każ tal-Imsida jiġu seba' (7) siti jew sitta (6) għax permess li jkun hemm sit li jista' jkun doppju b'tmien (8) Ibins. Hawn fakkret li t-tlett siti (3) eżistenti huma ġa mgħammra b'CCTV u kontrollati mill-LESA iżda xorta qed ikun hemm miżbla għalhekk ma' taqbilx apparti li ma'hemmx post adattat fejn se jsiru għax żgur li ħadd mir-residenti mhu se jaċċetta li tkun ħdejh.

Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni dwar is-suġġett iżda ma'kienx hemm konklużjoni.

65.4.04 B'referenza għal minuti 64.4.04, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-bankina temporanja quddiem is-sit PA/7039/21 go Triq Clarence saret. Dwar is-sit quddiem PA/8360/21 ma'kienx hemm żviluppi.

65.4.05 B'referenza għal minuti 64.4.05, is-Sur Emanuel Brincat staqsa dwar meta Triq Esperanto se terġa ssir *One Way*.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa l-darba Transport Malta wieġbet li ma'ssibx oġġezzjoni bgħat it-talba fejn kif din tiġi approvata jsiru it-tabelli biex tkun implimentata.

65.4.06 B'referenza għal minuti 64.4.07, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li s-CRPD kommunikat mal-kunsill sabiex jistaqsu jekk il-bankina bir-rampa go Triq Princess Margaret saritx b'dan il-mod mill-iżviluppatur tal-imsemmi permess PA/00876/17 li b'tweġiba il-kunsill konferma. Is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm aktar żviluppi fejn ġieb infurmat li sal-ġurnata ma'kienx hemm.

65.4.07 B'referenza għal minuti 64.4.08, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li Transport Malta konfermat li ma'hemmx reġistrat pjan immaniġġjar ta' traffiku għal Triq C De Brockdorff minn Triq Gerry Zammit sa k/m Giovanni Schranz għalhekk hija triq b'żewġt direzzjonijiet. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ssuġġeriet sabiex ssir talba mal-awtorità.

65.4.08 B'referenza għal minuti 64.4.13, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-bankina temporanja quddiem is-sit go Triq Santa Venera saret filwaqt li dik is-sit go Triq Misraħ il-Barrieri bdiet iżda skond l-iżviluppatur għada mhux lesta minħabba li qed jistenna mingħand il WSC għal xi xogħol fuq main tal-ilma.

65.4.09 B'referenza għal minuti 64.5.01, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar xi xogħol ta' patching go Triq Robert Naudi

65.4.10 B'referenza għal minuti 64.5.04 u 64.5.03 Is-sur Maurice Agius staqsa dwar żviluppi f'rigward il-problema tad-drenaġġ u l-Għajn tal-Ħasselin.
Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma' kienx hemm aktar tagħrif mingħand MTIP-PWD (CSU) u għarraf lill kunsilliera preżenti li sar ix-xogħol tal-pompi għaċ-ċirkulazzjoni tal-ilma fil-banju tal-Għajn tal-Ħasselin.
Is-Sur Alfred Farrugia fakkar dwar problema li kien hemm biex jiġi kontrollat id-dawl tal-Għajn b'remote għax trid toqgħod max- xifer biex forsi taqleb
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota u wieġeb li jista' jkun mill- battriies u se jara minn hemm.

65.4.11 B'referenza għal minuti 64.5.09, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar it-tieni rapport mal-Enemalta dwar l- wires mal- arblu msemmi go Triq Misraħ il-Barrieri k/m Triq Oskar Zammit

65.4.12 B'referenza għal minuti 64.6.01, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-aġġudikazzjoni ġiet pubblikata fuq is-sistema elettronika għal akkwisti u fil-mument għadu għaddej il-perjodu ta'10 ġranet sabiex min iħossu aggravat jkun jista' jagħmel appell.

65.4.13 B'referenza għal minuti 61.3.03, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li Infrastructure Malta approvat id-draft ta'Tender biex ikun hemm persuna responsabbli għall-immaniġġjar ta' relazzjonijiet bejn il-komunità matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-proġett Msida Creek. Fil-mument dan ġie mgħoddi għal vetting mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex wara toħroġ sejħa pubblika. Kif spjegat li kuntratt se jkun ffinanzjat minn fondi tal-IM u amministrat mill- Kunsill Lokali.

65.4.14 B'referenza għal minuti 61.4.15, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa konsultazzjoni ma' CRPD online dwar it-tieni fażi tal- afforestazzjoni, Il-perit ta'spjega lill dwar il-limitazzjoni ta'interventi li jistgħu jsiru minħabba xaqliba tal-wied u rakkomandazzjonijiet ambjentali tal- ERA sabiex dan jinżamm naturali. Il-bord għandu jiddiskuti u jwassal ir-rakkomandazzjonijiet ta'CRPD fi żmien qasir.

65.4.15 B'referenza għal minuti 61.5.01, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li x-xelter tat-tieni Gwerra li jinsab fiż-żona ta' Triq il-Kunċizzjoni c/w Triq il-Wied, maġenb il-ġibjun tal-ilma ġie msakkra bil-grada. Fil-mument qed ssir ukoll koordinazzjoni sabiex jitnaddaf mid-dipartiment tat-tindif.

65.4.16 B'referenza għal minuti 61.5.04, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-istruttura perikoluża ġol bandli tas-Swatar ġiet żarmata u mibdula ma' waħda ġdida.

65.4.17 B'referenza għal minuti 61.5.10, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li beda ix-xogħol biex jinbidlu l-bollards go Triq Mons D'Andria k/m Triq D' Argens.

**65.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

65.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda rakkomandazzjoni minn Transport Malta sabiex il-kunsill jikkunsidra implimentazzjoni ta' Timed Un/Loading b'daqs madwar 4.3m go Triq L-Zamenhof għall-vetturi biex jipparkjaw għal 15-il minuta mit-Tnejn sas-Sibt mid-9am sal-16.00pm b'sigħat li jifdal ikun parkeġġ mingħajr restrizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li qed jkun hemm bosta talbiet għal Loading /Unloading u għalhekk ikun opportun li jipproponi lill kunsill biex jagħmel analiżi ta' x'hemm eżatt bi skop li ssir allokazzjoni jew rilokazzjoni strateġika ta' faċilitajiet msemmija għal użu komuni tal- attivitajiet kummerċjali go toroq fejn hemm bżonn u skond rakkomandazzjoni li għamlet Transport Malta.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew l-attività kummerċjali li għalija saret ir-rakkomandazzjoni fejn kien osservat li dan ġa qed jagħmel użu min faċilitajiet oħra quddiem propjetà (garaxx) li huma mikrija għandu mingħand terzi u fejn qed iħalli wkoll iz-zona okkupata minn van fil-post 24/7.Ghalhekk f'dan il- każ ġie unanimament maqbul li ma' tkunx approvata.

65.5.02 Is-Sur Jean Claude Borġ staqsa dwar l-applikazzjoni ma' Transport Malta għal-implimentazzjoni ta' maniġġjar ta' traffiku għal Triq San Lwiġi.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din ġiet diskussa f'seduta preċedenti (minuti 63.5.07) u mħabba raġunijiet msemmija ġiet temporanjament posposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega problema li jista' jkun hemm minħabba il-wisgħa kif ukoll it-tul tal parti indikata fit-triq sal-Pont li ma'tistax tara minn naħa għal oħra għalhekk tista' tkun problema biex tkun kontrollata bis-sistema proposta anke jekk tinkludi dawl ta'traffiku. Biss il-pjanta hija lesta u jekk irrid il-kunsill jista' jibgħatha lill Transport Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li għal mument jistennew sabiex ikun magħruf eżatt minn Infrastructure Malta dwar l-arranġamenti għal-immaniġġjar ta' traffiku li se jkun implimentata waqt ix-xogħolijiet tal-proġett Msida Creek.

65.5.03 B'referenza għal-minuti 59.5.08, is-Sur Alfred Farrugia il-problema go Triq Censu Farrugia meta il-vetturi jkunu sejrin f'direzzjoni opposta fejn ħadd ma jkun irid iċedi. Għalhekk hemm bżonn li l-pjan għal immaniġġjar ta'traffiku li kien propost jerġa jkun kunsidrat.

Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li meta saret konsultazzjoni kien hemm aktar oġġezzjoni mill-maġġoranza li mhux residenti f' Triq Censu Farrugia għalhekk il-kunsill għandu jikkunsidra jekk isirx konsultazzjoni ma'residenti ta' dik it-Triq biss.

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew iżda ma kienx hemm deċiżjoni minħabba li għad rrid ikun magħruf x'arranġament se jkun hemm għal immaniġġjar ta'traffiku temporanju relatat mal-proġett tal-Imsida Creek.

65.5.04 Is-Sur Renald Camilleri tkellem dwar culvert fuq bankina go triq Princess Margaret li qed tfawwar meta tagħmel ix-xita.

65.5.05 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar it-tapit ġol bandli tas-Swatar.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li matul il-ġimgħa kien fuq il-post u ġa ħa nota sabiex iqabbad lill xi aġent biex għal mument jagħmel il-wedges biss dan irrid issir ħsieb biex il-quddiem ssir sejħa għal tender ħa jinbidel il-materjal tal-art inkluż fejn hemm l-outdoor gym.

65.5.06 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar unloading bay go triq Princess Margaret li tidher li ma tantx tintuża sabiex tiġi trasferita aktar il'fuq fejn hemm aktar ħwienet.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

65.5.07 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar parti wiesgħa minn bankina go triq Princess Margaret li hemm min qed jagħmel parkeġġ fuqha u ssuġġerixxa biex il-kunsill japplika biex almenu dan l-ispazju għal parkeġġ jservi nies b'bżonnijiet speċjali.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

65.5.08 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar nuqqas knis go Triq Giovanni Schranz
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li ma daħlux rapporti simili biss se jmexxi lImenta mal-kuntrattur.

65.5.09 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar arblu ta'dawl li miegħu hemm ħafna taħwid ta' wires filwaqt li go l-stess triq hemm ħsara fuq il bankina u culvert quddiem sit ta'kostruzzjoni li kif ġie nfurmat saret minn kuntrattur.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li ġa sar kuntatt mal-kuntrattur li huwa mgħarraf li qed jinżamm responsabli tal-ħsara li saret u għandu jsewwi kif l-żvilupp jkun lest.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota

65.5.10 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar biċċa minn bankina li saret ftit snin ilu u li qed tiżloq go Triq Guzeppi Calleja.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li qed jaslu rapporti simili dwar partijiet minn bankini li qed jiġu jiżolqu fejn għalkemm mhux ċert qed jissuspetta li dan jista' jkun qed jiġi kawżat minn likwidu li apparentement jgħaddi mil-materjal tal- borża organika.

65.5.11 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar dgħajsa fuq karru bla pjanċa mqabbad ma' karozza li ilha tokkupa parkeġġ għal diversi ġimghat u staqsa jekk dan jistax jagħmel hekk.

Is-Segretarju eżekuttiv wieġeb li sema b'diversi interpretazzjoni f'rigward tal- pjanċa meta jkun marbut u mhux qed issuq għalhekk mhux ċert u jrid jivverifika sew dawra.

65.5.12 Is-Sur <Maurice Agius>Charles Selvaggi tkellem dwar bieb b' bosta tabelli li ma'jistax ssir parkeġġ anke min ta'kunsilli lokali oħra bħal ta'San <Ġiljan> u staqsa jekk jistax jagħmel hekk. Mibdula <Maurice Agius> <Giljan>
Is-Sur Maurice Agius kompla li dan ilu jabbuża u jhedded lin-nies li jekk jużaw il-parkeġġ se jagħmel towing.
Is-Sur Emanuel Brincat ssuġġerixxa sabiex tintalab informazzjoni dwar ta'min kien il-permess ħali jkun magħruf min hu.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li ġa sar rapport mal-pulizija u se jistaqsi jekk kienx hemm kuntatt ma din il-persuna f'rigward ta'tabella ta' San Ġwann jista' jkun li dan mhux bilfors huwa l-stess persuna li applika għal permess ma dak il-kunsill għax għandu oħrajn differenti u seta' ħadhom minn fejn xi'sit.

65.5.13 B'referenza għal minuti 61.5.12, Is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi risposta mingħand l-iżviluppatur dwar il- ħsarat li għamlu waqt xogħol żvilupp li sar go Triq u Sqaq J. Catania u r-railing go Triq Clarence għax dawn ilhom snin pendenti u qed jinjora lill kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota u wieġeb li se jerġa jipprova jagħmel kuntatt.

65.5.14 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar inċident tat-traffiku li seħħ go Rue D'Argen nhar is-Sibt 27 ta'April filgħodu li fih kien hemm involut barrani ma' uffiċjal tal-Aġenzija LESA li weġġa' fejn talab sabiex jinqalaw u jinbidlu il- bollards u staqsa jekk hux se jinġabru l-ispejjez għad-danni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota u wieġeb li dawn jistgħu jinbidlu b'flexi bollards tal-plastik u spjega li sa fejn huwa infurmat it-Taljan involut tħalla jitlaq lura pajjiżu wara li ħallas iżda ma jafx jekk il-każ hux konkluż.

65.5.15 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar parkeġġi riservati go Rue'D'Argen għal nies b'bżonnijiet speċjali li kienu allokati għal persuni li waħda minnhom marret għal hajja aħjar u l-oħra li ġiet irtirata l-Blue badge. Tkellem ukoll dwar Loading/Unloading bay li kien hemm quddiem tal-forn fl-istess triq li għalaq u talab sabiex dawn jerġgħu jsiru parkeġġ normali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota u wieġeb li se jivverifika dwar parkeġġi riservati u b'referenza għal minuti 65.5.01 staqsa jekk hux il-każ li ssir rilokazzjoni tal- loading /Unloading minħabba attivitajiet kummerċjali oħra li hemm got- triq msemmija

65.5.16 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar parti go Triq Rue D'Argen li qed tarġa <ttħabbat>l. Mibdula <tħabbat>

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jara x'hemm eżatt u jekk dan qed hux qed jseħħ minħabba l-man hole biex fil-każ jerġa jikteb lill entita konċernata.

65.5.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar vetturi li qed jieqfu go parti ta' barra minn Triq Achille Ferris faċċata tal- iskate park eżatt fejn hemm pickup point tal-e-Imsida shuttle u talab biex issir double yellow line. Tkellem ukoll dwar mejda fuq il-bankina quddiem tal-pastizzi go l-istess triq.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dik il-parti hija Triq Arterjali

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u spjega li se jgħaddi it-talba għal marki lill Transport Malta filwaqt li se jibgħat ittra lill tal-pastizzi dwar il-mejda.

<65.5.18> Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ir-ritratt ufficjali tal-kunsill prezenti Mizjuda <65.5.18>

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li ga talab bosta drabi sabiex dan jittiehed izda ma setghax ghax ma' jkunx hemm il-membri kollha tal-kunsill

**65.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;**

65.6.01 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda koppja Rapport Finanzjarju Trimestri għall-perjodu Jannar sal-aħħar ta' Marzu 2024 li tieħdu bħala moqrija.

Is-segretarju Eżekuttiv wasal id-dettalji dwar il-kontenut tar-rapport fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perjodu finanzjarju għalaq b'bilanċ pożittiv ta' 61%. Hawn tkellem dwar in-nefqa rikorrenti ( €234,367) li hija relatata mas-servizzi li l-kunsill huwa obbligat li jagħmel skont l-artikolu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali fejn gideb l-attenzjoni li minkejja il- bilanċ baqa' pożittiv kif previst fil-minuti 62.2.02 xorta ġie reġistrat tnaqqis mis- surplus (€14,711) meta mqabbel mal-allokazzjoni annwali li tiġi mgħoddija mil-Gvern Ċentrali u dħul ieħor (€219,654). Dan ifisser il- *cashflow* qed tiddependi mil-bilanċ ta' riservi li ġew mwarrba biex jagħmlu tajjeb għal meta jingħata bidu tal-proġetti ġa approvati. Għalhekk sabiex il-kunsill ikompli jsostni l-impenn ta' ħlas li hemm irrid jiżgura li żomm kontroll biex jevita spejjez addizzjonali sakemm ma' jkunx hemm riżorsi finazjarji ġodda li jkunu ħarġu u ġew allokati apposta għalija.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

65.6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li qed jistenna l-awdituri biex jibgħatu ir-rapport Awditjat għas- sena finanzjarja 2023 li kien għadu mhux lest sa din is-seduta. Għalhekk se jkun hemm bżonn tissejjah laqgħa (L8-66) kif dan ikun konkluż sabiex il-kunsill jiddiskuti u japprova u jżomm mal-perjodu stabbilit

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**65.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

65.7.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-65 ta’ ħlasijiet bejn is-27 ta’ Marzu u 30 ta'April 2024.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Jean Claude Borg u sekondat mis-sur Nicholas J. Chircop.

**65.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

65.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 06:48 ta' filgħaxija, u s-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju fil-5:00 ta' filgħaxija

Minuti konfermati, illum 28 ta' Mejju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |